COVID-19 BOOSTER

# LET'S DO THIS – Maltese

NSW GOVERNMENT

# Nies minn 16-il sena 'l fuq huma rrakkomandati li jieħdu t-tilqima tal-booster COVID-19 kemm jista' jkun malajr

## Għaliex huwa meħtieġ il-booster?

Anke jekk diġà kellek il-COVID-19, studji juru li l-immunità tiegħek tibda tonqos maż-żmien.

Doża ta' booster tfakkar lis-sistema immunitarja tiegħek kif issib u tiġġieled il-virus. Il-booster iżid il-protezzjoni tiegħek kontra mard serju mill-COVID-19 b'sa 95%.

## Min jista' jieħu t-tilqima tal-booster?

Nies li għandhom 16-il sena 'l fuq jistgħu jieħdu t-tilqima tal-booster 3 xhur wara t-tieni doża tagħhom tal-vaċċin kontra l-COVID-19.

Anke nies żgħażagħ u b'saħħithom għandhom jieħdu t-tilqima tal-booster. Matul ix-xitwa, ir-riskju li jaqbdek xi virus jiżdied, għalhekk li tieħu t-tilqima tal-booster huwa pass sempliċi li tista' tieħu biex iżżomm lilek innifsek u lil dawk ta' madwarek siguri.

## Għandi bżonn booster jekk diġà kelli l-COVID-19?

**Iva**. L-immunità naturali ta' kulħadd hija differenti għal kontra infezzjoni futura. Il-boosters jistgħu jsaħħu l-protezzjoni tiegħek kontra mard serju b'sa 95%.

Tista' tieħu t-tilqima tal-booster ladarba tkun irkuprat kompletament mill-virus. Għal ħafna nies dan huwa madwar 4 sa 6 ġimgħat wara l-infezzjoni.

## Liema vaċċini huma disponibbli għal doża tal-booster?

Il-vaċċini tal-mRNA Pfizer u Moderna huma rrakkomandati bħala d-doża ta' booster għal nies li għandhom 18-il sena jew aktar, anki jekk kellek vaċċin ieħor għall-ewwel żewġ dożi tiegħek. Il-vaċċin Pfizer huwa l-vaċċin booster approvat għal nies ta' bejn is-16 u s-17-il sena.

Il-vaċċin tal-AstraZeneca jista' jintuża meta vaċċin ta' mRNA huwa medikament kontraindikat, jew meta xi persuna tirrifjuta tilqima b'vaċċin mRNA. Il-vaċċin Novavax jista' jintuża jekk l-ebda vaċċin ieħor tal-COVID-19 ma jitqies adattat għal dik il-persuna.

> Ibbukkja l-booster tiegħek tal-COVID-19 illum fuq nsw.gov.au


© NSW Ministry of Health. April 2022

## Nista’ nesperjenza xi effetti sekondarji mill-booster?

Tista' tesperjenza effetti sekondarji ħfief komuni meta tieħu d-doża tal-booster tiegħek, simili għal dawk wara l-ewwel żewġ dożi. Jistgħu jinkludu uġigħ fid-driegħ, deni, uġigħ fil-muskoli jew tħossok għajjien. Tkellem mat-tabib tiegħek jekk tħossok imħasseb.

## Għaliex persuni taħt is-16-il sena mhumiex eliġibbli għall-booster?

Dożi tal-booster mhumiex irrakkomandati bħalissa għal nies taħt is-16-il sena. F’dan il-grupp ta’ età, mard serju minn COVID-19 mhuwiex komuni, u l-ewwel żewġ dożi jiġġeneraw rispons immunitarju qawwi.

## Huwa sigur li tieħu t-tilqima tal-booster waqt it-tqala?

Doża booster hija sigura u rakkomandata għal nisa tqal li rċevew 2 dożi tal-vaċċin tal-COVID-19.

Billi titlaqqam, int tipproteġi wkoll lit-tarbija tiegħek. Hemm evidenza li l-protezzjoni li inti tieħu mill-vaċċin tgħaddi wkoll lit-tarbija tiegħek.

Evidenza estensiva turi li l-vaċċini tal-COVID-19 huma sikuri jekk int tqila, qed tredda’ jew qed tipprova jkollok tarbija. Ma jaffetwawx il-fertilità teigħek.

## L-ingredjenti tal-vaċċin huma adattati għalija?

L-ingredjenti kollha użati fil-vaċċini COVID-19 huma mniżżla fl-**Australian Register of Therapeutic Goods (Reġistru Awstraljani tal-Oġġetti Terapwetiċi).**

### L-ebda vaċċini tal-COVID-19 li ġew approvati fl-Awstralja:

- ma fihom bajd jew prodotti mill-annimali
- ma fihom kwalunkwe virus ħaj li jikkawża l-COVID-19
- ma jistgħu jaffettwaw jew jinteraġixxu mad-DNA tiegħek bi kwalunkwe mod
- ma fihom l-ebda ħaġa li tista’ titrakkak
- mhuma meqjusa mhux adattati għal nies minn xi reliġjonijiet jew twemmin.

Jekk qed issum bħala parti minn xi ċelebrazzjonijiet tal-vaganzi, huwa sigur li tieħu l-vaċċin u l-booster  tal-COVID-19. Il-vaċċin tal-COVID-19 mhux se jikser is-sawm tiegħek peress li ma jikkawżaw xejn li jidħol fl-istonku tiegħek.

Il-vaċċini tal COVID-19 ma jbiddlux id-DNA tiegħek jew ibiddlu l-ġeni tiegħek. Il-vaċċini jgħallmu lil ġismek kif jipproteġi lilu nnifsu kontra l-COVID-19 u jiġu pproċessati fi żmien numru ta’ ġranet. Huma ma jaffettwaw jew jinteraġixxu bl-ebda mod mad-DNA tiegħek.

## It-tilqim tal-booster huwa obbligatorji?

Le, iżda jekk int eliġibbli u ma tkunx ħadt id-doża tal-booster f’aktar minn 6 xhur mindu tkun ħadt it-tieni doża tiegħek, ma tibqax ikkkunsidrat li tkun aġġornat bit-tilqim tiegħek tal-COVID-19 u hekk tkun meqjus skadut.


© NSW Ministry of Health. April 2022 

## X'inhu l-booser addizzjonali tax-xitwa tal-COVID-19 u min għandu jieħdu?

Xi nies huma aktar f'riskju ta' mard serju mill-COVID-19. Biex tipproteġi lil dawn in-nies qabel ix-xitwa, hija rakkomandata doża addizzjonali (it-tieni) booster.

**Minn April 2022, inti eliġibbli għal vaċċin tax-xitwa tal-COVID-19 (it-tieni booster) jekk inti:**

- ta' 65 sena jew aktar
- Aboriġini u mill-Gżira tal-Istrett ta' Torres ta' 50 sena 'l fuq
- residenti ta' faċilità għall-kura tal-anzjani jew għall-kura tad-diżabilititā
- ta' 16-il sena 'l fuq u immunokompromess ħafna. Għal nies f'dan il-grupp, id-doża tal-vaċċin tax-xitwa se tkun il-ħames doża tal-vaċċin tal-COVID-19 (tliet dożi primarji, l-ewwel booster u booster tax-xitwa).

Tista' tirċievi t-tilqim booster tiegħek tax-xitwa tal-COVID-19, 4 xhur wara l-ewwel doża booster tiegħek, jew 4 xhur wara infezzjoni konfermata tal-COVID-19 jekk kellek il-COVID-19 mindu ħadt l-ewwel doża tal-booster tiegħek.

Ħafna nies li huma eliġibbli għal vaċċin addizzjonali tax-xitwa kontra l-COVID-19 huma eliġibbli wkoll għal vaċċin bla ħlas ta' kontra l-influwenza.

## Huwa sigur li tieħu t-tilqima kontra l-COVID-19 u tal-influwenza fl-istess ħin?

Huwa sigur u konvenjenti li tieħu kemm il-vaċċin tal-COVID-19 u kif ukoll il-vaċċin tal-influwenza fl-istess ħin.

## Agħmel appuntament

Appuntamenti għal booster huma disponibbli f'eluf ta' postijiet madwar NSW, inkluż spiżeriji u tobba.

Ħafna mill-kliniċi ta' NSW Health jaċċettaw ukoll 'walk-ins' li jfisser li m'għandekx għalfejn tibbukja minn qabel.

- Sib appuntament jew walk-in fi **klinika tat-tilqim ta' NSW Health**.
- Sib appuntament fi **klinika, għand tabib jew spiżerija qrib tiegħek**.

Jekk għandek bżonn għajnuna biex tibbukkja appuntament, ċempel in-National Coronavirus Helpline (il-Linja Nazzjonali dwar il-Coronavirus) fuq **1800 020 080** u agħfas fuq l-għażla 8 għas-servizzi ta' interpretar.

**> Ibbukkja l-booster tiegħek tal-COVID-19 illum fuq nsw.gov.au**


© NSW Ministry of Health. April 2022 